MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 152/2008

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat C B, Sirjan li ghandu c-cittadinanza Maltija, fil-knisja ta’ Maria Bambina Naxxar fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju 1999 u dan kif jirrizutla mic-certifikat taz-zwieg tar-Registru Pubbliku anness u mmarkat Dok. GR 1 u dak tal-Knisja anness u markat Dok. GR 2;

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla, D li ghandha tmien snin;

3. Illi l-intimat ilu jghix fil-fond li ghandhom iz-Zebbiegh hekk kif lestewh s-sena l-ohra u jmur id-dar meta jiftillu;

4. Illi meta l-attrici ltaqghet mal-konvenut huwa kien ghadu mizzewweg mara ohra Maltija certu Alexandra Farrugia u kienet l-istess Farrugia li marret habtitilha d-dar u qaltilha li hu mizzewweg lilha;

5. Illi sussegwentement il-konvenut irregistra d-divorzju li gab mis-Sirja hawn Malta sabiex setghet tizzewgu liema divorzju huwa anness u markat Dok. GR 3 u l-konvenut kien qallha li ghamel hekk ghax hija u cioe l-attrici ghandha aktar flus mill-mara tieghu;

6. Illi l-anness GR 3 huwa divorzju minn Qorti Islamika ta’ Lattakia Syria u l-attrici ghandha d-dubji taghha kemm hu validu skond il-ligi Maltija dan id-divorzju u r-rikonoxximent tieghu fir-Registru Pubbliku hawn Malta;

7. Illi sabiex hija tizzewweg lill-konvenut zewgha hija kienet ghamlitielu cara li z-zwieg irid isir fil-Knisja Kattolika, bir-rit Kattoliku u t-tfal li jkollhom iridu jitrabbew ta’ Kattolici;

8. Illi l-konvenut kien obbliga ruhu li jaghmel dan tant li quddiem il-Monsinjur Philip Calleja kien iffirma dokument jobbliga ruhu li kemm-il darba jkollhom it-tfal minn dan iz-zwieg, huwa jrabbihom skond ir-religjon Kattolika;

9. Illi kieku ma kienx hemm din l-obbligazzjoni minn naha tal-konvenut hija zgur li ma kinetx tizzewgu tenut kont il-pressjoni li kellha mill-genituri taghha li ma riduhix tizzewgu minhabba l-kultura u r-religjon musulmana tieghu;

10. Illi qabel iz-zwieg il-konvenut kien weghda li ser irabbi lill-uliedhom fir-religjon Kattolika, u kien weghda li meta jizzewgu hija titlaq mix-xoghol u kollox jiehu hsieb hu;

11. Illi gara izda li mill-gurnata taz-zwieg huwa inbidel kompletament tant li sahansitra mill-honeymoon beda jkun

aggressiv u kien hemm sensiela ta' rapporti ta' swat u mhux talli l-attrici ma waqfitx tahdem, talli ghadha sallum tahdem ghat-tnejn ghax hu ma jikkontribwixxi xejn ghall-familja;

12. Illi qabel iz-zwieg kienu ftehmu li jaghmlu joint account sabiex ihallsu l-ispejjez kollha minnu izda gara li hi bdiet titfa flus mill-paga fih izda huwa ma jitfa xejn ghax wara z-zwieg qallha li huwa obbligat li jibghat lura fis-Sirja flus sabiex imantni lill-ġenituri tieghu u lill-hutu, haga li ma kinetx taf biha ghax kieku zgur li ma kinetx tizzewgu;

13. Illi gara izda li meta twieldet it-tifla D fl-20 ta' Marzu 2000 huwa kien qal li titghammed izda mbaghad meta t-tifla giet ghal precett u grizma, huwa ma riedha bl-ebda mod li t-tifla tibghata d-duttrina tant li kienet kellmet lill-Kappillan tan-Naxxar u anki lil Kappillan tas-Sacra Cuor Fr. George Bugeja fejn joqghodu u kienu ftehmu li l-precett tat-tifla jsir bil-mohbi u hekk sar;

14. Illi meta sar jaf minghand it-tifla li ghamlet il-precett huwa qabdilha l-kuruna li kellha fil-basket, qattaghha u ghaffigha quddiemha u ovvjament it-tifla tghidx kemm bdiet tibki;

15. Illi t-tifla ma jridix bl-ebda mod li tmur id-duttrina u l-quddies tant li jmur ghaliha meta jaf li jkollha l-granet tad-duttrina u jheddidha "ara naqbdek tehodha l-quddies u d-duttrina ghax hazin ikun ghalik" u ghalhekk it-tifla sallum ma tistax tmur duttrina biex taghmel il-grizma, anzi jghidilha l-mummy thobb lil Jesus u toqghodx tghidilha mummy ghax dik thobb lil Jesus u mhux lid-daddy;

16. Illi anke lit-tifla joqghod jheddidha biex ma tmurx il-knisja u jekk tmur il-quddies hu ma jhobbiex aktar bi hD kbira ghat-tifla;

17. Illi ghalhekk il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha

impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

18. Illi ghalhek il-kunsens tar-rikorrenti inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ta' dritt tal-att taz-zwieg;

19. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-22 ta' Mejju 1999 fuq imsemmija huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-22 ta' Mejju 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu kemm bir-rit civili kif ukoll bir-rit kattoliku fit-22 ta' Mejju 1999 meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 25 sena, filwaqt li l-

konvenut, cittadin sirjan, kellu 35 sena; u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sitt snin. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fl-20 ta' Marzu 2000, u sussegwentement il-partijiet isseparaw de facto.

Jirrizulta mhux kontraddett li meta l-konvenut kien beda johrog ma' l-attrici, hija eventwalment skopriet li huwa kien diga' mizzewweg ma' mara maltija, u ghalhekk l-attrici, anke f' dak iz-zmien kienet giet ingannata mill-konvenut stante li hu kien zamm dan il-fatt mistur minnha. Inoltre, huwa gideb meta nizjalment kien qal lill-attrici li hu kien ta' nazzjonalita' spanjola. Izda l-attrici accettat li tkompli bir-relazzjoni mieghu, kemm-il darba huwa jigib id-divorzju, u kienet accettat eventwalment li tizzewgu bil-kondizzjoni espressa li l-ulied miz-zwieg taghhom jitrabbew fil-fidi kattolika. Il-konvenut accetta, tant li l-partijiet izzewgu bir-rit kattolitku bil-permess ta' l-awtoritajiet ekklesjastici, u wara li l-konvenut kien iffirma dikjarazzjoni appozita.

L-attrici tghid ukoll li qabel iz-zwieg il-konvenut kien weghda hafna affarijiet, uhud minnhom ta' importanza kbira ghaliha, fosthom li t-tfal jintbaghtu skola privata u li hu kellu pozizzjoni finanzjarja soda u ghalhekk setghet tghix hajja komda mieghu: weghdiet li huwa ma zammx.

Izda malli l-partijiet izzewgu, il-folja nqalbet kompletament u l-attrici skopriet il-verita' fuq zewgha. Il-konvenut beda jgib ruhhu b' mod aggressiv u dominanti fil-konfront ta' martu, kien jibghat il-flus li kien jaqla' hu lill-familjari tieghu gewwa s-Sirja filwaqt li f' Malta jghix minn fuq dahar l-attrici, u dan kontra l-volonta' espressa ta' l-istess attrici li kellha tibqa' tahdem biex izzomm il-familja, inkluz lill-konvenut. Izda l-akbar ingann da parti tal-konvenut kien il-weghda li hu kien ghamel lilha u lil awtoritajiet ekklesjastici li l-ulied jitrabbew fil-fidi kattolika; ghaliex wara li twieldet it-tifla huwa ried li dina titrabba fir-rit muzulman, bir-rizultat li l-pracett u l-grizma kellhom isiru bil-mohbi tal-konvenut li kien jirreagixxi b' mod aggressiv meta jigi kkuntrarjat fuq l-affari tar-religjon ta' binthom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-premess il-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut. Il-komportament abusiv tieghu fil-konfront ta' martu u ta' bintu, jimmanifesta difett serju da parti tieghu ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali li fil-gurisprudenza nostrana jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics *[Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000].* Inerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom the "community of life and love."

Illi fil-kaz in dizamina l-konvenut ma gharafx dawn l-obbligi tieghu, li huma bazati fuq ir-rispett u l-imhabba tal-konjugi lejn xulxin, izda izzewweg <u>biss</u> biex isegwi l-skopijiet egojstici tieghu.

Dan premess u kkunsidrat, it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Mejju 1999. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------